**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Illum** 26 ta' Novembru, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-vs-**

**Jordan Charles Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 045500L**

***Kumpilazzjoni Nru. 416/2018***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Jordan Charles Grech u cioe` talli

Bejn nhar il-11 ta' Mejju, 2018 u nhar l-14 ta' Mejju, 2018 b'diversi atti magħmula minna fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, minn ġewwa l-bini tal-kumpanija 'Borg Cardona & Co. Ltd'' sitwata fi Triq l-Idwart, Attard;

1. Ikkommetta serq ta'diversi oġġetti liema serq li huwa kkwalifikat, bil-valur u bil-persuna li sar għad-detriment tal-kumpanija 'Borg Cardona & Co. Ltd', Andrew Borg Cardona u/jew persuni oħra;

2. Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation għall-tlett snin liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. fit-22 ta' Settembru, 2016 liema

sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel bi ksur ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Liiġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' Jordan Charles Grech bħala reċidiv ta' sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat l-addebitu tar-recidiva peress li din ma tirrizultax.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-valur pruvat tar-*res furtiva* kien ta' €400.

Rat illi waqt l-udjenza tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti

tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni relattivament bikrija tieghu w tal-fedina penali tieghu. Ittiehed kont ta' dak li xehdet il-Probation officer tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni wkoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tal-fatt li l-hajja familjari tal-imputat kienet wahda li m'ghenitx ir-rijabilitazzjoni mixtieqa tieghu. Kien biss wara li l-imputat ricentement sab xoghol u biddel l-indirizz residenzjali li l-imputat qed jirrejalizza bl-izballji li wettaq fil-passat u li fl-ahhar qed juri rieda li jindirizza ghemilu w jbiddel id-direzzjoni ta' hajtu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 261 (c)(d), 267, 268(a) u 280(1), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin (3) millum kif ukoll tikkundannah ghall-hlas t'*ammenda* ta' €100 pagabbli fi zmien sena millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas lill-parti derubata is-somma ta €400.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-impjegat u d-derubat.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**